MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 2(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgħa 11 ta' April 2012, fis-6:00p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Edric Micallef |
| **Viċi-Sindku** | Carmelo Bugeja |
| **Kunsilliera** | Angelo Micallef |
| | Steven Grech |
| | Stephen Caruana |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arisings"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Jum Marsaxlokk
6. Master Plan ( Xatt is-Sajjieda)
7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
8. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

**1. <u>Qari tal-Minuti</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondat mis-Sur Steven Grech li għaddiet b'mod unanimu.

**2. <u>*Arisings* mill-Minuti</u>**

Ma kienx hemm

## 3. <u>Korrispondenza</u>

Nqrat il-korrispondenza kollha

**3.1** Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Marzu 2012, is-Sinjura Catherine Farrugia infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li fuq parir ta' l-istess Kunsill Lokali kienet talbet lil Transport Malta sabiex tkun tista' tinstalla *barrier* kienet ġiet infurmata illi tali applikazzjoni kellha tiġi riferuta lil Transport Malta mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu japplika sabiex il-*barrier* kkonċernata tiġi installata.

**3.2** E-mail datat 11 ta' April 2012 mingħand is-Sur Joseph Saetta f'isem I.P.S. Ltd li permezz tagħha inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha rigward haddiema ta' l-istess kumpanija assenjati mal-Kunsilli Lokali illi ma kienux qieghdin josservaw il-ħinijiet tax-xogħol. Is-Sur Saetta spjega kif, kemm il-darba ssir spezzjoni u l-ħaddiema ma jinstabux fuq il-lant tax-xogħol mingħajr raġuni valida, l-istess ħaddiema jitneħħew mingħajr ebda avviż. Kien hemm qbil illi kopja ta' dan l-avviż kellu jiġi mogħti lill-ħaddiema ta' I.P.S. Ltd assenjati mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

**3.3** E-Mail datat 26 ta' Marzu 2012 mingħand is-Sur Mario Camilleri li permezz tiegħu il-Kunsill ġie mitlub jilqa' studenta Franċiża li kienet ser iżżur Malta sabiex tikseb esperjenza ta' xogħol għal perjodu ta' erba' gimgħat. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta t-talba tas-Sur Camilleri.

**3.4** Permezz ta' E-Mail datat 29 ta' Marzu 2012, is-Sur Clifford Vella offra lill-Kunsill Lokali bejgħ ta' ktieb/kotba li tiegħu kien l-awtur bl-isem ta 'L-Imtieħen tat-tħin tal-qamħ fil-Gżejjer Maltin'. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri tliet kopji ta' dan il-ktieb għal spiża totali ta' €37.50.

**3.5** E-Mail datat 28 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu MEUSAC stiednet lil rappreżentanti tal-Kunsill Lokali għal seminar informattiv dwar il-programm LIFE +, taħt il-kappa ta' l-Unjoni Ewropeja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien ser jattendi għal dan is-seminar. Is-Sur Edric Micallef qal li kien ser jattendi għal dan is-seminar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**3.6** Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Marzu 2012 u f'isem l-istabbiliment Gente di Mare, is-Sur Daniel Thornton talab lill-Kunsill Lokali sabiex jevalwa l-possibilita' illi jinħareġ permess sabiex l-istess stabbiliment ikun jista' jarma screen fuq barra, fiż-żona fejn kien ikollu l-imwejjed u s-siġġijiet għall-perjodu tas-sajf. Sabiex dan iseħħ kellhom jiġu mgħoddija xi cables tad-dawl min taħt it-tarmac ta' Xatt is-Sajjieda. Gie deċiż illi il-Kunsill Lokali ma kellux isib oġġezzjoni għal din it-talba sakemm l-apparat ma jkunx qiegħed joħloq inkonvenjent bl-evalwazzjoni finali issir wara illi s-Sur Thornton jissottometti l-qisien ta' l-apparat ikkonċernat. Fl-istess waqt is-Sur Thornton kellu jiġi infurmat rigward il-possibilita' illi kien hemm xi pajpijiet mgħoddija minn taħt it-tarmac sabiex il-cables ikunu jistgħu jgħaddu minnhom. Kemm il-darba dan ma kienx il-każ ma kellux jingħata permess sabiex isiru trinek f'Xatt is-Sajjieda.

**3.7** Ittra datata 5 ta' Marzu 2012 li permezz tagħha s-sidien ta' l-istabbilimenti *Harbour Lights, Duncan Restaurant, Xlukkajr Restaurant, Tartarun Restaurant, Master Wok Restaurant u Ta' Victor Restaurant* talbu lill-Kunsill Lokali sabiex kemm il-darba ikun possibbli fi Triq Duncan ikun hemm parking bay li tkun riservata għal skopijiet ta' loading/unloading. Kien

hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu japplika għand Transport Malta sabiex din it-talba timmaterjalizza.

**3.8** Permezz ta' ittra datata 30 ta' Marzu 2012, is-Sinjura/ina Maria McNamar, f'isem l-iskola sekondarja tal-bniet tal-Kulleġġ St.Thomas Moore talbet lill-Kunsill Lokali sabiex għal Jum il-Premjazzjoni joffri ktieb jew flus sabiex jinxtara ktieb illi kellu jitpoġġa fil-librerija. L-istess ktieb/offerta kellhom jiġu ppreżentati lill-Kap ta' l-iskola fl-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni. Kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu joffri ktieb lill-iskola kkonċernata.

**3.9** E-mail datat 27 a' Frar 2012 li permezz tiegħu is-Sur Charles Abela, f'isem Transport Malta informa lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta kienet ser tinstalla *swimmers zone* ġewwa Marsaxlokk. Iż-żona magħżula kienet tinstab biswit il-Marsaxlokk *Aquatic Sports Club*.

**3.10** Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Marzu 2012, is-Sinjura/ina Anna Vella mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, infurmat lill-Kunsill illi kien tnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012 l-ammont ta' €120. Dan b'konnessjoni mas-servizz ta' Wi-Fi fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

**3.11** Permezz ta' ittra datata 9 ta' April 2012, is-Sinjuri Michael d'Amato u Charles Barbara talbu permess lill-Kunsill Lokali sabiex itellgħu l-opra tal-baħar tagħhom fuq l-art fiż-żona tal-magħluq. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi lil dawn individwu għandu jinħaġilhom permess sa' tmiem April 2012. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb sabiex jitwaħħlu karti ma' l-opri tal-baħar illi jinstabu fuq l-art sabiex dawn jitneħħew minn sidhom. Ġie deċiż ukoll illi għandha tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex il-Kunsill Lokali ikollu kuntrattur illi jkun jista' jitqabbad ineħħi l-opri tal-baħar u dgħajjes kemm il-darba s-sidien jinjoraw l-avviżi tal-Kunsill Lokali.

**3.12** Ittra datata l-1 ta' Marzu 2012 mingħand is-Sur Felix Bonnici li permezz tagħha l-Kunsill ġie mitlub jittrasferixxi posta fis-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd u li kienet tgħajjat lis-Sur Bonnici fuq individwu ieħor illi allegatament kien diġa' qiegħed jarma f'din il-posta. B' deċiżjoni unanima ġie deċiż illi s-Sur Bonnici jiġi infurmat illi dak li kien qiegħed jitlob kien illegali.

**3.13** Permezz ta' e-mail datat 11 ta' April 2012, is-Sur Martin Stivala f'isem I.P.S. Ltd. informa lill-Kunsill Lokali b'ħaddiem, is-Sur Joe Demicoli, li kien ser jiġi assenjat mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera li matulha tqajmu diversi punti fuq proposta tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li għaddiet b'votazzjoni ta' tlieta favur u żewġ astensjonijiet ġie deċiż illi I.P.S. Ltd. għandha tiġi infurmata illi l-Kunsill ma riedx illi dan il-ħaddiem jiġi assenjat mal-Kunsill Lokali. Dan għaliex fil-passat is-Sur Demicoli kien diġa' ġie assenjat mal-Kunsill lokali u kellu kunflitti ma' ħaddiema oħra li wkoll kienu (u għadhom) assenjati mal-Kunsill Lokali. Kemm il-darba is-Sur Demicoli jerġa' jibda' jirraporta għax-xogħol mal-Kunsill Lokali kien ser ikun hemm riskju illi b'xi mod tiġi ostakolata ħidmet il-Kunsill

**3.14** Permezz ta' ittra datata 8 ta' Marzu 2012, is-Sur George Camenzuli, bejjiegħ fis-suq fil-beraħ li jarma nhar ta' Ħadd, informa lill-Kunsill Lokali illi minħabba l-prodott li jbiegħ ma' kienx possibbli illi jkun preżenti kull meta tittieħed rassenja tal-bejjiegħa. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali għamndu jinforma lis-Sur Camenzuli illi hija fir-responsabilita' tal-bejjiegħa illi jkunu preżenti waqt li tittieħed ir-rassenja.

**3.15** Ittra datata 16 ta’ Frar 2012 mingħand is-Sur Ray Abela f’isem TCTC li permezz tagħha, f’isem TCTC is-Sur Abela offra illi l-kumpanija tiegħu tagħti lezzjonijiet tal-kompjuter lil tfal bejn l-4 u l-10 snin taħt inizjativa bl-isem ta’ IKIDS. Għal dawn il-lezzjonijiet il-Kunsill kien qiegħed jintalab ħlas ta’ ewro €1110 flimkien ma’ assigurazzjoni fuq l-apparat. Wara li ingħataw dettalji dwar l-iskema kien hemm qbil unanimu illi f’dan l-istadju l-Kunsill Lokali ma kellux jorganizza dawn il-korsijiet.

**3.16** Permezz ta’ e-mail datat 29 ta’ Frar 2012, f’isem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali is-Sur Dennis Borg informa lill-Kunsill Lokali illi kien hemm bżonn illi tiġġedded l-iskema tas-Saħħa tal-ħaddiema klerikali. Is-Sur Borg talab lill-Kunsill Lokali jiddeċiedi jekk fl-iskema kienux ser jiġi inlużi ukoll il-Kunsilliera. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jġedded l-iskema tas-Saħħa u jinkludi l-Kunsilliera fil-polza għal spiża totali ta’ €448.

**3.17** E-mail datat 28 ta’ Marzu 2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li permezz tagħha il-Kunsill Lokali ġie mitlub jagħmel għażla dwar is-sistema illi kellha titħaddem fil-lokalita’ fir-rigward ta’ asfaltar ta’ kanali wara xogħol tal-WSC. Wara li nqraw iż-żewġ offerti, kien hemm qbil unanimu illi x-xogħol ta’ Asfaltar għandu isir mill-WSC mingħajr ma’ l-Kunsill Lokali jħallas xi spejjeż involuti.

**3.18** Permezz ta’ e-mail datat 14 ta’ Marzu 2012, is-Sur Pio Farrugia f’isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b’inizjativa illi MEPA kienet ser tieħu b’konnessjoni ma’ siti illi jaqgħu taħt in-network Natura 2000. Il-Kunsill kien ser jintalab mill-istess MEPA sabiex jgħin fil-ġbir ta’ informazzjoni. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali għandu jevalwa l-proposta ta’ MEPA ġaladarba jirċevieha.

**3.19** E-mail datat 26 ta’ Marzu 2012 mingħand is-Sinjura/ina Francesca Meli li permezz tiegħu talbet informazzjoni lill-Kunsill Lokali rigward posti fis-suq fil-beraħ li jarma matul il-ġimgħa kif ukoll dak ta’ nhar ta’ Ħadd. Kien hemm qbil illi s-Sinjura/ina Meli għandha tingħata l-informazzjoni mitluba.

**3.20** Ittra datata 17 ta’ Ġunju 2012 mingħand is-Sinjura Gemma Mercieca li permezz tagħha il-Kunsill intalab jgħaddi posta illi s-Sinjura Mercieca għanda allokata fis-suq fil-beraħ lit-tifel tagħha. Permezz ta’ nota oħra imbagħad is-Sur Daniel Mercieca talab lill-Kunsill sabiex jgħaddi l-posta li kienet ser tingħatalu minn ommu lill-mara tiegħu. Il-Kunsill qabel illi dawn l-individwi għandhom jintalbu jagħmlu kuntatt mad-Dipartiment tal-Kummerċ sabiex jiġi ggwidati.

**3.21** Ittra datata 21 ta’ Marzu 2012 mingħand is-Sinjorina Spiteri, kap ta’ l-iskola primarja li permezz tagħha is-Sinjorina Spiteri affermat illi kienet taqbel illi Triq San Franġisk tingħalaq għat-traffiku matul il-ħinijiet ta’ dħul u ħruġ ta’ l-istudenti mill-iskola.Wara li għall-benefiċċju tal-Kunsilliera li ma kienux jagħmlu parti mil-legislatura passata, is-Sindku Elenka dettalji dwar korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsill u l-iskola Primarja rigward Triq San Franġisk, il-Kunsill għadda sabiex jiddiskuti din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu illi din it-talba għandha tiġi implimentata hekk kif passaġġ illi minn Triq iż-żejtun jinfed għal Triq Barthelemy jinfetaħ għall-vetturi. Għal dan il-għan, kellha tintbagħat ittra lill-iskola primarja sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali jinsistu ma’ Transport Malta u d-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni sabiex dan il-passaġġ jinfetaħ fl-iqsar żmien possibbli.

## 4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat minn xi individwi rigward proġett bl-isem 'Marenostrum'. Dan il-proġett, li kien jaqa' taħt il-kappa ta' l-Unjoni Ewropeja, kien ser jinkludi xi materjal fuq il-lokalita' ta' Marsaxlokk. Fost l-oħrajn kien qiegħed jiġi propost illi jsir dokumentarju antropoloġiku dwar Marsaxlokk u l-Kunsill kien qiegħed jintalab jikkontribwixxi finanzjarjament għal dan id-dokumentarju. Dan minbarra talbiet oħra illi l-Kunsill kien irċieva u li tagħhom ingħataw id-dettalji. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali kellu jgħin fejn ikun possibbli bir-riżorsi li kien jiddisponi minnhom. Madanadkollu ma kellu ikun hemm ebda kontribuzzjonijiet finanzjarji b'rizq dan il-proġett għar-raġuni illi peress li l-Kunsill ma' kienx uffiċjalment wieħed mill-imsieħba tal-proġett, tali kontribuzzjonijiet kienu ser jirriżultaw f'illegalita' għaliex jikklassifikaw bħala donazzjoni.

## 5. Jum Marsaxlokk

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni li l-Kunsill Lokali kien irċieva mingħand l-għaqda Mużikali Pompei għas-somma ta' €1200 għal servizzi b'konessjoni ma' Jum Marsaxlokk 2012. Huwa żied illi l-ammont mitlub kien jeċċedi l-ammont illi l-Kunsill Lokali seta' jordna permezz ta' *direct order*. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi għandu jsir kuntatt ma' l-għaqda mużikali Pompei sabiex tiġi infurmata b'din il-problema.
Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu, fl-okkażjoni ta' Jum Marsaxlokk, il-Kunsill Lokali kellu jagħti rikonoxximent lis-Sur William Pomroy u lis-Sur Remigio Cassar, żewġ ex-kunsilliera illi permezz ta' ħidmiethom fil-Kunsill Lokali kienu taw kontribut kbir lil Marsaxlokk. Ma' dawn kellha tiġi apprezzata ukoll hidmet l-Inġinier Arthur Ciantar. Din il-proposta ġie issekondata mis-Sur Edric Micallef u għaddiet unanimament.
Is-Sur Stephen Caruana qal illi huwa kien tal-fehma illi s-Sur John Restall ukoll kellhu jingħata rikonoxximent, għas-servizz li kien ta' lil Marsaxlokk matul is-sittax il-sena ta' ħidma mal-Kunsill Lokali . Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.
Finalment ġie deċiż illi kellu jitfassal programm għall-okkażjoni li kellu jara l-bidu tiegħu b'quddiesa fil-knisja parrokkjali segwit minn marċ. Wara imbagħad kellu jindaqq l-innu tal-Kunsill Lokali flimkien ma' programm mużikali u jingħataw unur l-erbgħa individwi magħżula preċedentement.

## 6. Master Plan ( Xatt is-Sajjieda)

Is-Sindku qal illi wara illi l-Kunsill Lokali kien żamm laqgħat ma' uħud mill-bejjiegħa li joperaw fis-suq fil-beraħ u mal-GRTU flimkien ma' uħud mis-sidien ta' l-istabbilimenti ta' Xatt is-Sajjieda, kien ħejja xi punti illi fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill Lokali kellu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA dwarhom. Wara illi qara dawn il-punti, flimkien mal-kunsilliera preżenti, is-Sindku għadda sabiex jimmodifika dak li kien ħejja. Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill qabel illi għandhom jintbaghtu l-osservazzjonijiet li kien ħejja is-Sindku flimkien ma' oħrajn li kienu ġew diskussi.

**7. Approvazzjoni tal-ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda kopja ta' skeda ta' Pagamenti. Huwa żied illi ma' dawn kien hemm spiża ta' €50 dovuti lis-Sur Joseph Cassar u ta' €50 dovuti lis-Sinjura Antonia Psaila b'konnessjoni mat-tqassim tal-fuljett tal-Kunsill Lokali. Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 01/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**8. Affarijiet oħra**

**8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien irċieva xi kontijiet relatati mal-*Winchrooms* ta' Xatt is-Sajjieda għall-Perjodu Settembru- Diċembru 2011. Huwa żied illi kien ġie infurmat illi l-arloġġi tad-dawl u l-ilma tal-Winchrooms ma' kellhomx jibqgħu jgħajtu lill-Kunsill Lokali iżda lid-Dipartiment tas-Sajd. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi kellu ssir laqgħa mas-Segretarju Permanenti l-Onorevoli. Chris Ciantar u mad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji ħalli l-Kunsill Lokali ma jibqax iħallas il-kontijiet tal-winchrooms. Is-Sur Steven Grech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi fiż-żona tal-magħluq kien hemm service pillar box li aktarx kienet ser titqabbad ma' l-arloġġi ta' latrina pubblika li għaliha l-Kunsill kien iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ġie deċiż illi din il-materja wkoll għandha tiġi diskussa flimkien mas-Segretarju Permanenti l-Onorevoli. Chris Ciantar u mad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd.

**8.2** Is-Sindku qal illi kien hemm bżonn illi l-Kunsill Lokali jieħu deċiżjoni rigward is-Suq fil-beraħ li jarma nhar ta' Ħadd. Huwa żied illi fl-opinjoni tiegħu kien imperattiv illi jitwaħħlu l-istuds sabiex jiġu stabbiliti l-posti allokati. Għal dan il-għan kien jinħtieġ illi tinżamm laqgħa ma' l-awtoritajiet kkonċernati sabiex jiġi stabbilit id-daqs tal-posti. Kien hemm qbil illi għandha ssir laqgħa mas-Segretarju Permanenti.

**8.3** Is-Sur Steven Grech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi kif isir annwalment kien wasal iż-żmien illi jitħammel il-baħar tal-bajja tal-magħluq. Peress illi fil-passat kien hemm xi problemi mal-MEPA, is-Sur Grech qal illi huwa kien ta' l-opinjoni illi qabel jingħataw bidu ix-xogħolijiet tinżamm laqgħa bejn il-Kunsill Lokali, rappreżentanza tal-MEPA u rappreżentanza ta' Transport Malta ( Sezzjoni marittima). Kien hemm qbil illi din il-laqgħa għandha tinżaamm

**8.4** Is-Sur Steven Grech staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward ix-xogħolijiet li kienu inbdew f'Xatt is-Sajjieda mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rappreżentant tal-kumpanija kkonċernata kien għaddielu dokument tal-qorti illi allegatament kien qiegħed jawtorizza lill-kumpanija sabiex tkompli ix-xogħolijiet. Għal dan il-għan kienet ser tintbagħat korrispondenza lil Transport Malta sabiex jiġi deċiż jekk eventwalment jistax jitkompla ix-xogħol.

**8.5** Is-Sur Stephen Caruana qal illi kellha tiġi evalwata l-possibilita' illi jsir xi tip ta' dawl f'Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jipproponi illi jsir rope light madwar il-palm li hemm fiż-żona. Kien hemm qbil unanimu illi għal dan il-għan

għandu isir kuntatt mal-korporazzjoni Enemalta sabiex tiġi evalwata l-possibilita’ illi l-istess Enemalta tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati ma’ din l-inizjattiva

Il-laqgħa spiċċat fis-8:30 p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-

**Edric Micallef** — **Duncan Hall**
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**